MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Numru 1060/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**GORDON PACE**

**Illum 20 ta' Lulju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Gordon Pace** ta' 58 sena, bin Carmela nee` Agius, imwieled Floriana fl-28 ta' Mejju 1945 u residenti: 69, Triq is-Suq, Floriana: detentur tal-karta ta' identita bin-numru 1083245M gie akkuzat:

Talli fil-Floriana, F'Tas-Sliema, u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Frar tas-sena 2002 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

**1.** b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) b'qerq bi hsara ta' Simon Cole u Yari George Baldacchino ohra **bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2.** minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta' Simon Cole u Yari George Baldacchino, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, **dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. BZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Gordon Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni dwar il-piena li l-imputat ghandu problemi ta’ sahha, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Gordon Pace l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------